MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1/2004

**Deborah Bonello**

**vs**

**Malta International Airport plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Deborah Bonello prezentat fit-2 ta' Frar 2004;

Rat ir-Risposta tal-Malta International Airport plc ntavolata fit-18 ta' Frar 2004;

Rat l-Atti tal-process quddiem it-Tribunal Industrijali minn fejn jirrizulta illi l-ewwel seduta tal-Kaz Nru 1724 fl-istess ismijiet premessi nzammet fid-9 ta' Dicembru 2002;

Rat l-Avviz Legali Numru 425/2002 maghmul bis-sahha ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali liema Avviz Legali expressis jsalva d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali "fejn ghandu x'jaqsam mal-kazijiet kollha li kienu pendenti minnufih qabel id-data tas-27 ta' Dicembru 2002 quddiem it-Tribunal Industrijali kif kostitwit bl-istess Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali li ghandhom jibqghu regolati bl-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali kif fis-sehh minnufih qabel dik id-data";

Rat il-proviso ta' l-Artikolu 82(3) ta' l-Att XXII ta' l-2002 (Kap 452);

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti Deborah Bonello billi ghal motiv stabbilit fl-imsemmi Avviz Legali 425/2002 l-appell interpost mill-Malta International Airport plc ma kienx hekk konsentit li jsir minnha appell direttament lil din il-Qorti gjaladarba l-kaz, introdott qabel id-dhul in vigore tal-Kap 452, baqa' regolat bl-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) u dan l-Att ma kienx jaghti aditu ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell. In konsegwenza l-appell 'de quo' qed jigi dikjarat bhala irritu u null.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------